MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Numru.

**Il-Pulizija**

**v.**

**Louis Mercieca**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Louis Mercieca talli fl-20 ta’ Gunju 2000 ghall-habta ta’ 12.15pm fi Triq Mgarr, Ghajnsielem, Ghawdex:
**(1)** saq mutur Nru. FBC-782 b’majiera traskurata u perikoluza,
**(2)** naqas jieqaf fuq is-sinjal tat-traffiku meta l-istess sinjal jindika “Stop”,
**(3)** b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma’ vettura Nru. AAP-

376 u kkagunalha hsarat ghad-detriment ta' Francis Magro mix-Xewkija.
L-ewwel qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija, barra l-piena stabbilita mill-ligi, tiskwalifika lill-imsemmi Louis Mercieca milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien stabbilit mill-qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-17 ta' Lulju 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil Louis Mercieca hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, ikkundannatu multa ta' mija w hamsin lira (Lm150), u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Louis Mercieca, minnu ppresentat fis-19 ta' Lulju, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew alternattivament ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Iz-zewg aggravji ta' l-appellant jirriducu ruhhom, bazikament, ghal aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li kellha quddiemha. Skond l-appellant hu ha l-prekawzjonijiet kollha waqt li kien qed johrog minn fuq l-i*stop sign*, u l-incident gara mhux tort tieghu izda tort ta' Magro li kien qed isuq b'velocita` eccessiva.

Wara ezami akkurat tal-provi din il-Qorti tara li ma tistax takkolji l-appell hlief ghal dettal zghir. Il-*brake marks* ta' ftit aktar minn wiehed u ghoxrin metru li halliet il-vettura ta' Magro jindikaw velocita` ta' bejn 28 u 30 mil fis-siegha (aktar lejn it-tletin mil fis-siegha stante li din il-vettura kienet f'telgha), u din il-velocita` b'ebda mod ma tista' titqies eccessiva ghall-lokalita` ta' l-incident. L-appellant hareg minn fuq *stop sign* u kellu vizwali tajba fid-direzzjoni ta' mnejn kienet gejja il-vettura ta' Magro. Huwa evidenti mid-dinamika ta' l-incident li <u>jew</u> l-appellant ma waqafx fuq is-sinjal "stop" biex jara kienux gejjin vetturi minn fuq ix-xellug tieghu <u>jew</u>, ghalkemm waqaf biex jesplora (fis-sens

li hares lejn ix-xellug tieghu mnejn eventwalment giet il-vettura ta' Magro) tant dam biex johrog wara li kien hares lejn ix-xellug li lahqet giet il-vettura li eventwalment habat maghha hekk kif hareg minn fuq l-imsemmi *stop sign*. Din it-tieni ipotesi ukoll tammonta ghal nuqqas ta' *proper lookout* u ghal sewqan traskurat u, fic-cirkostanzi tal-kaz, perikoluz. Mill-mod kif xehed l-appellant quddiem din il-Qorti, it-tieni ipotesi hija aktar plawsibbli. Ghalhekk kullma tista' taghmel din il-Qorti huwa li tillibera lill-appellant mit-tieni imputazzjoni. Fic-cirkostanzi l-multa ser tigi ridotta ghal mija u tletin lira.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi (a) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tieni imputazzjoni u kwindi tilliberah minnha, (b) thassarha u tiirevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant multa ta' mija w hamsin lira u minflok tikkundannah multa ta' mija u tletin lira (Lm130) (konvertibbli f'sitta w ghoxrin gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi), u (c) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, cioe` ghal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni u dwar it-tielet imputazzjoni, kif ukoll ghal dak li jirrigwarda s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan. Il-periodu tas-sospensjoni jibda jiddekorri mill-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------